Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2020

## Kriterji

Kull poeżija tista' tirċievi massimu ta' 100 punt skont dawn il-kriterji:

| L-Oriġinalità | 20% |
|---|---|
| Taħt dan il-kriterju l-aġġudikanti jikkunsidraw aspetti bħal l-oriġinalita' fl-użu tax-xbihat u l-frasjoloġija, il-preżentazzjoni tat-temi b'mod uniku, u s-sens ta' awtentiċita u s-saħħa immaġinattiva tal-poeżija. | |

| It-Teknika | 20% |
|---|---|
| Dan il-kriterju jqis l-ekonomija fil-ħsieb u l-kliem, is-sensittività għall-mod kif il-poeżija tittratta t-tematika u kif il-poeżija tilħaq il-qarrej, u l-użu ta' tipografija, ortografija u grammatika korretta. | |

| Il-Forma | 20% |
|---|---|
| Dan il-kriterju jqis aspetti fosthom l-identità fiżika u ritmika tal-poeżija, l-effet maħluq mir-ritmu, u l-konsistenza fil-vuċi tal-persona. | |

| L-għażla tal-kliem | 20% |
|---|---|
| Dan il-kriterju jqis aspetti bħal jekk l-għażla tal-kliem jirriflettix vuċi distinta u evitar ta' klixejiet, l-effett tal-ħsejjes tal-kliem, u kemm jgħatu lok għal livelli differenti ta' tifsir. | |

| L-impressjoni tal-qarrej | 20% |
|---|---|
| Taħt dan il-kriterju l-aġġudikanti jikkunsidraw kemm fil-fehma tagħhom il-poeżija tilħaq l-għanijiet li kellha tilħaq, fuq livell ta' ħsieb u impatt emozzjonali. | |